V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11144 — COLT TECHNOLOGY SERVICES GROUP / LUMEN EMEA BUSINESS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 260/05)

1. Fis-17 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 tal-Kunsill u wara rinviju skont l-Artikolu 4(5) ta' dan ir-Regolament ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Colt Technology Services Group Limited (ir-Renju Unit), ikkontrollata minn Colt Group Holdings Limited ("Colt", ir-Renju Unit), finalment ikkontrollata minn Star Horizon Management LLC (l-Istati Uniti tal-Amerka), u

— Camelot Landing, LLC (l-Istati Uniti tal-Amerka), CenturyLink Europe B.V (in-Netherlands), Lumen Technologies Austria GmbH (l-Awstrija), Lumen Technologies Belgium SA (il-Belġju), Lumen Technologies Denmark ApS (id-Danimarka), Lumen Technologies EMEA Holdings Limited (ir-Renju Unit) u s-sussidjarji rispettivi tagħhom kif ukoll ċerti assi Amerikani u trans-Atlantiċi taħt il-baħar ta' Lumen, flimkien il-"Kumpanija fil-Mira" jew "l-Entitajiet fil-Mira", li kollha jappartjenu għall-grupp Lumen finalment ikkontrollati minn Lumen Technologies, Inc. (l-Istati Uniti tal-Amerka).

Colt se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv tal-Kumpanija fil-Mira kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Colt hija kumpanija multinazzjonali tat-telekomunikazzjonijiet li tipprovdi servizzi ta' network għal setturi intensivi fin-network u servizzi bil-vuċi li jappoġġaw it-tranżizzjoni minn servizzi tal-vuċi tradizzjonali għall-ġenerazzjoni li jmiss fl-Ewropa, fl-Istati Uniti tal-Amerka, fl-Indja u fl-Asja.

— L-Entitajiet fil-Mira jipprovdu infrastruttura tat-telekomunikazzjonijiet (infrastruttura tal-fibra ottika u servizzi ta' kolokazzjoni) u servizzi ta' intrapriża madwar l-Ewropa, il-Lvant Nofsani u l-Afrika. Il-Kumpanija fil-Mira tinkludi sostanzjalment in-negozju u l-assi kollha ta' Lumen f'EMEA.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11144 — COLT TECHNOLOGY SERVICES GROUP / LUMEN EMEA BUSINESS

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.